GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT,
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAS-SNIN BIKRIN, LINGWI U STUDJI UMANISTIĊI

# ĊIRKULARI

**Data:** 26th Ottubru 2023 **Ref:** DELH 049/2023

**Lis-:** Segretarju Permanenti, Diretturi Ġenerali, Diretturi, CIO, Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi, Uffiċjali Edukattivi, Kapijiet taċ-Ċentri tal-Kindergarten u l-Iskejjel Primarji tal-Istat, Knisja u Indipendenti, Kapijiet tal-Entitajiet

**Mingħand:** David Muscat, Kap Eżekuttiv, L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** **Kors qasir għall-ġenituri/kustodji ta' trabi u tfal żgħar 'Il-Ġenituri l-Ewwel Għalliema'**

---

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni, tixtieq tgħarraf lill-ġenituri/kustodji ta' trabi ta' sena u tfal żgħar sa tliet snin li se terġa' torganizza l-kors 'Il-Ġenituri l-Ewwel Għalliema/Parents the First Teachers'.

Waqt dan il-kors ta' 5 sessjonijiet, il-ġenituri/kustodji flimkien ma' wliedhom jipparteċipaw f'attivitajiet interattivi li jistgħu jsiru wkoll id-dar minn età bikrija biex it-tfal jiżviluppaw il-ħiliet bażiċi fejjieda tal-lingwa u l-litteriżmu. Il-ġenituri/kustodji jiġu mħeġġa jipprattikaw dawn l-attivitajiet id-dar mat-tfal tagħhom.

Il-kors li jmiss se jsir bil-Malti kull nhar ta' **Ħamis, mid-9 ta' Novembru sas-7 ta' Diċembru 2023 mill-17.00-18.30 fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Ġużè Abela Scolaro, il-Ħamrun.**

Min huwa interessat jattendi għandu jċempel **2598 2999** jew inkella jibgħat ittra elettronika lil aqra.storja@ilearn.edu.mt **sal-Erbgħa 8 ta' Novembru.**

Grazzi tal-attenzjoni,

**Sandra Ebejer**
**Direttriċi**
**Snin Bikrin, Lingwi u Studji Umanistiċi**
**MEYR**